# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 177/2017**

Il-Pulizija

vs

**Daniel Emanuel Attard**

detentur tal-karta ta' l-identita' numru 368907(L)

Illum, 23 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Daniel Emanuel Attard quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli bejn il-perjodu ta' l-4 ta' Lulju, 2016 u il-31 Ottubru, 2016 naqas li jaghti lil Charlene Buttigieg is-somma ta' € 1,400, iffisata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' April, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-

artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuza kif dedotta mill-prosekuzzjoni u ikkundannatu ghal xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Daniel Manuel Attardypprezentat fl-10 ta’ April, 2017 fejn talab li din il-Qorti joghgobha THASSAR U TIRREVOKA s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati tal-unika akkuza migjuba fil konfront tieghu u minflok tiddikjarah mhux hati u konsegwetement TILLIBERAH minnha.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

**L-Ewwel Aggravju**

Fl-ewwel lok l-appellant umilment jissottometti li mill-provi prodotti jidher b’mod car illi L-Ewwel Qorti ma setghet qatt issib lill-appellant hati taht din l-imputazzjoni kif dedotta peress illi mill-provi jirizulta li t-talba ghal ammont ta’ elf u erbgha mitt euro (€1400) ma kienx l-ammont li kien dovut, ghax bhala fatt l-appellant jhallas 70 euro fil-gimgha skont il-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet, u fil-perjodu ta’ bejn l-4 ta’ Lulju, 2016 u il-31 ta’ Ottubru, 2016, hemm sittax il-gimgha u ghalhekk il-manteniment dovut, jek fil-fatt kien dovut, kellu jkun ta’ €1120 (16x70) u mhux €1400. *Di piu*, l-appellant hallas, kif ikkonfermat il-*parte civile* stess manteniment ta’ gimghatejn minn dan il-perjodu u ghalhekk l-ammont li setgha kien dovut, kien ta’ (€1120-€140) €980 u mhux €1400 apparti l-fatt illi l-appellant ukoll ta flus ohra fl-istess perjodu, li talbitu l-*parte civile* sabiex thallas l-assikurazzjoni. Ghalhekk l-akkuza kif dedotta fi proceduri kriminali, ma setghetx tintlaqa’ ghax qatt ma kien dovut €1400 u ma saret ebda talba mill-*parte civili* ghal riduzzjoni ta' l-ammont, u ghalhekk il-*parte civile* talbet €420 izjed minn dak li setgha kien dovut.

It-**Tieni Aggravju**

Fit-tieni lok il-*parte civile* ma kintix gusta mal-appellant ghax hi taghtu x'jifhem b'mod car illi gie kkonfermat minnha stess ukoll quddiem l-Ewwel Qorti, li peress illi kienet taf illi kien ghaddej minn zmien hazin fejn kellu problemi finanzjarji hi kienet ser taghtih cans jigi fuq saqqajh u la jigi fuq saqajh kellu jerga' jibda jhallas manteniment kif miftiehem. Fil-fatt, l-appellant beda jhallas manteniment regolarment minn Novembru, 2016 u qieghed jhallas il-manteniment b'mod regolari sal-lum. Fil-fatt l-appellant lanqas kien jaf illi kienet ser taghmel rapport kontrih ghax haseb li kien hemm ftehiem bejnithom dwar dan. Dan jidher car ukoll mill-fatt illi l-*parte civile* stenniet kwazi hames xhur, propju sat-13 ta' Dicembru, 2016 u dan wara li l-partijiet kellhom xi jghidu ghax l-appellant ma ridx jirranga mal-*parte civile*, biex taghmel rapport kontra l-appellant. Dan il-fatt juri bic-car illi veru kien hemm ftehiem bejn il-partijiet li ma kienx ser jithallas manteniment ghal dawk ix-xhur u ghalhekk l-appellant ma setghax jigi akkuzat illi ma sarx hlas skont il-kuntratt la kien hemm ftehiem bejn il-partijiet. Illi fil-fatt li l-appellant lanqas kien jaf meta kien ser jitressaq il-Qorti ghax kien gie notifikat fir-residenza ta' missieru u mhux fir-residenza tieghu li tidher li saret fl-1 ta' Frar, 2017 u ghalhekk fil-fatt sar jaf bil-kawza nhar il-3 ta' April, 2017, dakinhar fil-ghodu li kien ser jitressaq il-Qorti bil-mandat.

**It-Tielet Aggravju**

Illi peress li l-appellant ma giex notifikat fir-residenza tieghu, izda in-notifika saret fid-dar ta' missier l-appellant fl-1 ta' Frar, 2017, ghalkemm il-parte **civile** taf illi hu m'ghadux jghix fir-residenza ta' missieru, u fil-fatt l-appellant ma giex informat b'din it-tahrika, allura l-appellant ma kienx notifikat bil-kawza fil-hin ghax bhala fatt hu gie notifikat dak inhar stess tal-kawza fit-3 ta' April, 2017 u ghalhekk il-manteniment dovut ghax xhur ta' Lulju u Awissu, 2016 huma fil-fatt preskritti ghax ghaddew aktar minn seba' xhur minn meta kienu dovuti.

**Ir-Raba' Aggravju**

Illi l-volontarjeta tal-att ta' l-apellant hija nieqsa ghax billi l-parte civile kienet accetat li ma kellux ihallas manteniment ghal dak il-perjodu u ghalhekk huwa kien in buona fede u sa fejn kien jaf hu, haseb illi kien konformi mal-ligi "*lanqas fil-fehma ta' din il-Qorti ma setghet tinsab reita' ghall-akkuza kontravvenzjonali fejn hawnhekk ukoll il-volontarjeta ta' l-att ta' l-awtur hija nieqsa……*" (**Pol vs Duncan Schembri appell nru 396/2016 30 ta' Marzu, 2017).** Ghalhekk l-appellant ma kellux il-mens rea li ma jhallas il-manteniment ghax kien hemm ftehiem li ma kinex ser jithallas ghal dan il-perjodu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tat-23 ta' Gunju, 2017 l-appellant hallas dak kollu dovut lill-parte civile.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Daniel Emanuel Attard fil-meritu u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena. Thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tilliberah taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagghmilx reat iehor fi zmien xahar mil-lum.